MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 355/2008

**A B C D E F**

**-vs-**

**G H I**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B C D E F, fejn dan wara li ppremetta:

Illi l-esponenti zzewweg lill-konvenuta fit-tlieta (3) ta' Settembru tas-sena 2002, fir-Registru taz-Zwigijiet, il-Belt, Valletta, liema zwieg gie debitament registrat fir-Registru taz-Zwigijiet bin-numru *omissis* u dan kif jirrizulta mill-anness dokument mmarkat Dok. A.

Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett peress li l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta'

gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-partijiet li jwettqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett peress illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett peress illi l-kunsens ta’ l-attur inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-konvenut illi mix-xorta taghhom fixklet serjament il-hajja konjugali.

Illi dan iz-zwieg m’huwiex ikkunsmat.

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini ta’ l-artikolu 19 (1) (c), (d), u (f) u l-artikolu 19 A (1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, ighid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-tlieta (3) ta’ Settembru 2002, huwa null u minghajr effett legali ai termini ta’ l-artikolu 19 subartikolu (1) paragrafi (c), (d) u (f) u ta’ l-artikolu 19 A (1) ta’ l-Att XXXVII ta’ l-1975 dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255).

2. Konsegwentement tordna li din in-nullita’ tigi registrata fuq l-att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa’ ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li ghalkemm debitament notifikata, l-intimata naqset milli twiegeb ghall-kawza.

Il-Qorti tibda biex tenfasizza il-principji li dejjem irritenew dawn il-Qrati f’dan il-kuntest, u cioe’:

“Illi z-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta’ u bla dubju ta’ xejn huwa ta’ ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett ukoll jekk hija sejra thares lejh mill-*punto di visto* civili biss.”

(Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia – deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta’ Lulju, 1987).

Ir-rikorrent jibda biex isejjes it-talba tieghu fuq l-Art 19 1(c) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta li testwalment jipprovdi illi:

“19. (1) B’zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta’ dan l-Att, zwieg ikun null:

(c) Jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.”

Ir-rikorrenti fl-affidavit tieghu jixhed illi:

“Ghandi nghid illi ghalkemm ghamilna diversi xhur gharajjes, nohorgu flimkien, ahna qatt ma kellna x’naqsmu sesswalment flimkien u dan peress illi skond ir-religjon Musulmana, u cioe’ r-religjon li nhaddan jien, ahna nastjenu milli jkollna x’naqsmu sesswalment flimkien. Ghalhekk qabel iz-zwieg lil marti qatt ma fittixtha sesswalment . Lanqas hi ma fittxitni sesswalment u sa dakinhar kont nahseb illi ghamlet hekk ghaliex fehmet il-pozizzjoni tieghi.

Meta zzewwigna u stedintha sabiex ikollna x’naqsmu sesswalment hi dejjem ghamlet minn kollox sabiex tiskartani. Meta kont nistaqsiha x’kellha kienet taqlibli d-diskors. Meta rrealizzajt illi ma riditx li jkollha x’taqsam mieghi sesswalment, jiena ccelingjajtha u wissejtha li jiena ma kontx lest li nibqa’ nghix maghha hekk. Hi wegbitni illi ma kinitx tarani attrajenti u li kienet ghamlet zball li zzewget Gharbi. Niftakar li kont hadt hafna ghalija b’din ir-rimarka.

Meta jiem wara ftehimt maghha biex immorru l-Kwartieri Generali tal-Puluzija biex niffirmaw xi karti, rajtha

bilqeghda fuq it-tarag tistennieni ma’ wahda ta’ mparha. Wara sirt naf li kien it-tarag tal-Kurja. Ixxukkjajt ruhi meta rajtha titbewwes mas-siehba taghha fuq it-tarag.

Ir-raguni wara l-fatt li z-zwieg taghna ma giex ikkunsmat kien proprju minhabba l-fatt illi marti gay.”

Habib tal-istess rikorrent jikkonferma illi:

“L-attur dejjem qalli illi l-konvenuta qatt ma kellha x’taqsam mieghu ghaliex hi lesbjana.

Jiena qatt ma rajthom flimkien.”

Fix-xhieda tieghu li ta viva voce fuq talba tal-Qorti, ir-rikorrenti tefa’ aktar dawl fuq is-sitwazzjoni meta kkonferma li qabel iz-zwieg l-intimata kienet tghix ma’ ommha u ma mara ohra. Din il-mara l-ohra kienet certa Nathalie, l-istess wahda li sussegwentement, ir-rikorrenti raha titbewwes ma’ martu fil-Furjana. Il-Qorti m’ghandha ebda raguni valida ma temminx lir-rikorrenti.

F’dan ix-xenarju, il-Qorti tinsab sodisfatta li l-vot tal-ligi kontenut fl-Art. 19 (1)(c) jinsab pjenament sodisfatt, kif tinsab sodisfatt ukoll dak provdut fl-Art. 19 (1)(f) tal-istess ligi.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-3 ta’ Settembru 2002 huwa null u bla effett. Il-Qorti tordna li din in-nullita’ tigi registrata kif mitlub.

L-ispejjez jithallsu mill-intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------